# L-IMSIDA U TAL-PIETÀ

Fl-aħħar għadd ta' dana l-Qari, qrajna kitba ta' G. DIMECH DEBONO, u fiha sibna dan: "*sal-1876 il-vera parroċċa ta' l-Imsida, b'Tal-Pietà magħha, kienet dik ta' Birkirkara imsemmija għal Santa Liena.*" Iżda hawn, il-kittieb, għandu żball kbir: għax jekk l-Imsida sal-1867 (u mhux sal-1876) kienet tagħmel ma' Birkirkara, Tal-Pietà ma kenitx.

Minn xħin l-Isqof Senatore de Mello ħalaq, fl-1436, tmien parroċċi ġodda sa kemm inbniet il-Belt, l-art Tal-Pietà, aktarx li kienet tagħmel ma' Ħal Qormi, milli ma' Birkirkara. Iżda l-biċċa kienet x'kienet, Tal-Pietà sal-1867 (u mhux sal-1876) ma' Birkirkara ma' kenitx tagħmel sehem żgur.

Aħna rridu naħsbu li dak li qal G. Dimech Debono fuq l-Imsida u Tal-Pietà, ma qalgħux minn żniedu, iżda

ħadu minn fuq ħaddieħor li qablu qal hekk; u għalhekk hawn jiġi li, G. Dimech Debono, ma għandu l-ebda ħtija f'din il-biċċa.

Wara li nbniet il-Belt, Tal-Pietà aktarx infirdet minn ma' min kienet tagħmel qabel u ngħaqdet mal-parroċċa ta' S. Pawl. Inbagħad, mita fl-1844 il-Furjana saret parroċċa għaliha, Tal-Pietà marret magħha, u damet mal-Furjana sa kemm l-Imsida nħallet u nfirdet minn ma' Birkirkara u saret parroċċa għaliha u magħha ġabret lil Tal-Pietà. Iżda l-lum, Tal-Pietà, ma tagħmilx kollha ma' l-Imsida, għax biċċa minnha tagħmel mal-Ħamrun ukoll.

Li kieku G. Dimech Debono ta ħarsa sewwa fid-*Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo* u fli *Storia Ecclesiastica di Malta* ta' Killi Ferris, ma kienx isib ruħu mqarraq hekk bl-ikrah bħal ma sab. F'dawn il-kotba, barra milli kien isib lil Tal-Pietà ma' liema parroċċa kienet tagħmel sewwa, kien isib ukoll illi l-Imsida saret parroċċa fl-1867, u mhux fl-1876, bħal ma kiteb hu.

Fid-*Descrizione delle Chiese* li semmejna nsibu li Tal-Pietà kienet Viċi parroċċa ta' San Pawl tal-Belt. Għamilha hekk l-Isqof Gori Mancini fl-1721, jiġifieri meta l-Furjana kienet għadha ma nbnietx, u damet b'din is-setgħa sal-1740. F'daż-żmien kienet tieħu ħsieb ta' 456 ruħ. Iżda, inbagħad, billi fl-1740 tlestiet il-Kappella ta' San Publju, is-Sagramenti ġew meħuda mill-Knisja tad-Duluri u mqiegħda fiha.

F'wieħed mill-Folji ta' Malta' li kienu joħorġu fl-1867, imsejjaħ *L'Ordine*, fil-għadd tal-15 ta' Marzu tas-sena li semmejna, insibu kif saret Parroċċa l-Imsida. Billi ħabat il il-Kappillan ta' Birkirkara, il-Prepostu Dr. D. Calċidon Agius, ġie mlaħħaq Penitenzier tal-Kattidral, l-Isqof Pace Forno kiteb Ruma, fejn wera li jinħtieġ li l-Imsida ssir parroċċa għaliha, kif hekk kienet ix-xewqa tal-Misidjani minn bosta żmien qabel. Fuq hekk, il-Papa bl-Ittri Apostoliċi tat-13 ta' Novembru 1866, firidha minn Birkirkara, u b'Kappillan ġie magħżul Dun Salv Caruana, li qabel kien Viċi parroku tagħha (ta' l-Imsida). Wara, b'ordni tal-Isqof tal-24 ta' Frar 1867, ġew magħrufa t-trufijiet ta' fejn għandha setgħa l-parroċċa ġdida ta' l-Imsida, billi ġew mogħtija lilha Tal-Pietà u Misraħ il-Barrieri. Fit-2 ta' Marzu ta' wara, quddiem kotra kbira ta' nies, ġiet magħmula l-imsemmija firda mill-Vigarju ta' l-Isqof, megħjun mill-Kanċellier tal-Kurja, u ħa il-pussess il-Kappillan il-ġdid. U fl-aħħar, b'Editt tat-12 ta' Marzu 1867, ġiet imxandra fil-Knejjes li l-Imsida saret parroċċa għaliha, biex b'hekk tiġi magħrufha ma' Malta kollha.

**Ġużè Gatt.**